# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar L-Erbgha 26 t'Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 19**
**Rikors Numru : 1126/2006 JPG**

**Jesmond Farrugia (ID78964M) Chairman u Simon Grima (ID574963M) Segretarju Generali ghan-nom u in rapprezentata tal-Mosta Technopark Tenants' Association**

**vs**

**Jonathan J Borg (ID0198086M)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors ta' Jesmond Farrugia et noe tas-19 ta' Dicembru 2006, (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

1. *"Illi l-intimat kien ingaggat maghhom bhala accountant ghal xi zmien qabel April 2006, inkluz tul is-sena 2005, u fost ir-responsabilitijiet soliti associati ma' tali ingagg, l-intimat kellu jiehu hsieb il-hlas ta' dak kollu dovut mir-rikorrenti, inkluz hlas dovut lil entitajiet pubblici bhal ma huma d-Dipartiment tat-Taxxa ta' Valut Mizjud u d-Dipartiment tat-Taxxa , l-preparazzjoni u prezentata tar-returns u formoli relattivi.*

2. *Illi l-intimat biex ikun jista' iaghmel il-pagamenti kien ukoll jiehu hsieb biex jipprepara c-cekkijiet relattivi sa biex dawn jigu ffimati mill-firmatarji awtorizzati tar-rikorrenti, li fi zmien materjali kienu impjegat tar-rikorrenti, cettu Frank Gatt, u l-allura President tar-rikorenti, Henry J Borg, li jigi missier l-intimat u li kontra tieghu qed jigu rizervati d-drittijiet kollha tar-rikorenti naxxenti mill-episodji li taw lok ghal dawn il-proceduri.*

3. *Illi wara li l-intimat spicca mill-impjieg u tqabbad accountant iehor, Karl Magri, gew fid-deher numru ta' diskrepanzi ili gieghlu lill-accountant il-gdid jaghmel investigazzjoni aktar fil-fond, bil-kunsens u l-ghajnuna tal-Kunsill tal-Mosta Technopark Tenants' Association.*

4. *IlIi fil-kors ta' l-investigazzjoni, rrizulta illi kien hemm numru sostanzjali ta' cekkijiet illi gew mahruga fuq isem l-intimat, f'total ta' Lm7714.93 (sebat-elef seba' mija erbatax-il lira 93c) liema cekkijiet gew imsarrfin mill-intimat u, jirrizulta, iddepozitati, f'kontijiet tieghu u/jew li kellu interess personali fihom.*

5. *Illi mitlub jispjega dan kollu, l-intimat ta numru ta' spjegazzjonijiet differenti, l-ewwel fosthom illi l-fondi kkoncernati kienu thallsu lid- Dipartimenti tal-VAT u Inland Reuenue.*

6. *Illi meta saru d-debiti ricerki mad-Diparimenti msemmija, rrizulta illi kontra dak li qal l-intimat kien hemm arretrati sostanzjali x'jithallsu u kienu gew inkorsi l-penali u imghax skond il-ligi, fl-ammont ta' Lm2582.69 (elfein hames ntia tnejn u tmenin lira 69c) u in oltre dokument li kien gie pprezentat lir-rikorenti mill-intimat jidher illl ma kienx genwin.*

7. *Illi dan kollu hu spjegat aktar fid-dettal mid-dokument A anness, rapport imhejji mill-accountant Karl Magro.*

8. *Illi minkejja attentati fit-tul biex il-kwistjoni tigi spjegata u rizolta, l- intimat baqa' ma tax spjega sodisfacenti u wisq anqas naqas li jirrifondi l-flus neqsin u*

*r-tikorenti ma kellhom ebda triq ohra ghajr illi jireferu l-kwistioni lill-Pulizija ghal aktar investigazzjoni u biex jittiehdu l-passi opportuni, natutalment b'rizerva ghal kull dritt civili spettanti lilhom*

9. *Illi l-Pulizija eventwalment harku lill-intimat, li jninsab ghaddej bi ptocedura prezentement.*

10. *Illi fil-kors tal-proceduri msemmija, xehed l-Ispettur Angelo Gafa' u informa lill-Onor. Qorti tal-Magistati illi l-akkuzat, allura intimat kien irrilaxxja stqarrija fejn ammetta illi kien dawwar ghalih l-ammont rapprezentant mic-cekkijiet imsemmija aktar'il fuq u li kien ha ghalieh il-flus u/jew iddepozita l-flus jew patti mill-istess f'kont jew kontijiet tieghu u/iew fkont li kellu ma' tfalja Filippina, certu Aguillar u/jew f'kont jew kontijiet fisem l-istess Aguillar, u dan ghaliex skond hu kellu self fuq dar li ma kienx qed ilahhaq mieghu.*

11. *IlIi minhabba l-agir ta' l-intimat ir-rikorenti batew telf konsiderevoli konsistenti fl-ammont imdawwar ghalieh mill-intimat (Lm7714.93) b'qerq, fl-ammont li kellu jithallas f'penali u imghax (Lm2582.69) peress illi l-intimat ma hax hsieb illi jsiru l-hlasijiet necessarji u f'ammont ulterjuri li ghad irrid jigi likwidat bhala spejjez inkluzi d-drttijiet professjonali ta' min tqabbad biex jinvestiga u jiehu l-passi kollha necessarji biex l-interessi tar-rikorrenti jigu kawtelati.*

12. *Illi l-esponent jaf dawn il-fatti personalment u awtorizzat jahlef din id-dikjarazzjoni.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti previa kull dikjarazzjoni li tista' tkun necessarja joghgobha:*

1. *-Tiddikjara illi l-intimat hu responsabbli ghat-telf indikat hawn fuq fl-ammont totali li irid jigi likwidat fid-dawl tal-premess*

2. *Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorenti l-ammont totali hekk likwidat*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati relattivi u bl-interessi kontta l-intimat li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Jonathan J.Borg tat-30 t'April 2007 (a fol. 98) li taqra hekk:

*"Illi preliminarjament, trid issir il-prova tar-rappresentanza guridika ta' Jesmond Farrugia u Simon Grima ghall-ftuh ta' dawn il-proceduri.*

*Illi meta s-socjeta rikorrenti l-ewwel ghamlet l-allegazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri kontra tieghu huwa nnega li kien b' xi mod approrija ruhu minn flus tal-assocjazzjoni u talab referenza tal-kwistjoni lil arbitru nominat mill-partijiet sabiex dan ikun jista jikkontrolla l-accounts tal-assocjazzjoni fid-dettal, pero' dan it-tentattiv falla.*

*Illi l-esponent ma jaqbilx mal-pretenzjonijiet tal-assocjazzjoni u kien ghalhekk li huwa ippropona l-hatra ta' arbitru sabiex issir il-verifika fejn marru l-flus allegament appropriati minnu. Ghal din ir-raguni, l-esponent jissottometti li dan l-esercizzju ghandu jsir wara li r-rikorrenti tippresenta l-kontijet kollha taghha in konessjoni max-xoghol ta' accountant imwettaq minnu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet ta'din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta' Mejju 2007 (a fol. 100) li permezz tieghu gie nominat il-Perit Legali Dr. Noel Bartolo;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut 11 t'Ottubru 2013 (a fol. 199 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tas-26 ta' Novembru 2013 (a fol. 208 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Noel Barolo prezentat fit-8 t'Ottubru 2014 u mahluf fit-13 ta'Novembru 2014 (a fol. 216 et seq.);

Rat in-nota tat-8 ta' Jannar 2015, tal-intimat li permezz taghha ipprezenta r-risposti in eskussjoni lil Perit Legali Dr. Noel Bartolo (a fol. 427 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-1 ta' Lulju 2015 tal-Perit Legali Dr. Noel Bartolo li permezz taghha ipprezenta r-risposti ghad-domandi in eskussjoni (a fol. 433 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tad-9 ta' Marzu 2016 (a fol. 446 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali responsiva tal-konvenut tat-18 t'April 2016 ( a fol. 453 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-provi viva voce tressqu kollha quddiem il-Perit Legali flimkien ma l-affidavits ta' Jesmond Farrugia, Simon Grima, Brian Camilleri, Simon Alden, Marisa Xuereb u Karl Magri.

Fl-affidavit tieghu, Jesmond Farrugia jikkonferma li hu membru tal-kunsill li jmexxi l-Mosta Technopark Tenants' Association. Skond il-minuti Dok ABC 1 u ABC 2 l-awdituri nterni tal-Assocjazzjoni kienu gibdu l-attenzjoni tal-membri ghal numru ta' diskrepanzi fl-*accounts* tant li ma setghux jghalqu l-*accounts* tat-2005. Ghalhekk gie deciz li jitqabbad l-*accountant* Karl Magri biex ihejji rapport. L-istess Karl Magri

hejja rapport li gie esebit mar-rikors guramentat bhala Dok A (fol 5 et seq). In segwitu ghal dan ir-rapport ittiehu proceduri bil-Pulizija kontra l-intimat ghal misapproprijazzjoni ta' flus u l-intimat kien ammetta fl-istqarrija li kien ha l-fondi mitluba fil-kawza odjerna. L-affidavits ta' Simon Grima, Brian Camilleri, Simon Alden u Marisa Xuereb jikkoroboraw dana kollu.

Fl-affidavit tieghu Karl Magri (fol 58) jghid li huwa *accountant* (warrant no 19502) u kien gie imqabbad mill-atturi biex ihejji rapport investigattiv rigward dispkrepanzi li kienu instabu fl-*accounts* tal-Asssocjazzjoni liema rapport gie esebit mar-rikors guramentat bhala Dok A (fol 5 et seq). Fir-rapport jikkonkludi li s-somma ta' Lm 7714.93 giet misapproprijata (vide fol 7 u 8 tar-rapport).

A fol 231 et seq., **l-Ispettur Angelo Gafa' prodott mill-atturi** spjega li hu kien involut fl-investigazzjoni wara kwerela li saret mill-atturi kontra l-konvenut u li sussegwentement kien interroga lill-konvenut li rrilaxxja stqarrija u sussegwentement kien il-persuna li pprosegwa kriminalment kontra l-konvenut. Ix-xhud esebixxa kopja tal-istqarrija li rrilaxxja l-konvenut (Dok AG1).

Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009 (a fol 237) gie verbalizzat li fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas lill-atturi pagament ta' LM 7,714.93. Ghalhekk it-talba tal-atturi ghal dak li jirrigwarda s-somma li giet misapproprjata mill-konvenut kif indikata fil-11 il-paragrafu tar-rikors guramentat giet ezawrita u kwindi il-kawza kellha titkompla fuq it-talba ta' LM 2,582.69 rigward late payment penalties u imghax sofferti mill-atturi mad-Dipartiment tal-*VAT* kagun tal-agir tal-konvenut.

A fol 256 et seq., **Paul Scicluna,** rapprezentant tal-*VAT Department* prodott mill-konvenut irrileva illi skond l-artikolu 56(2) ta' Act 23 tal-1998 huwa ma jistax jixhed sakemm ma jkollux ezenzjoni mill-Prim Ministru ta' Malta. Xehed ukoll **Karl Magri** in-kontro ezami li sostna li kien hemm claims kontra l-Association mill-*VAT* Department fil-perjodu in-kwistjoni jghid li kien hemm claims qabel Jannar 05', b'rizultat ta' nuqqas ta' filing tal-*VAT returns* relattivi. Il-*VAT returns* li ma gewx sottomessi, kienu kollha *returns* li suppost ghamel il-konvenut jew meta kien l-*accountant* huwa u cioe bejn it-2002 sa Marzu 2006.

A fol 263 et seq., **Karl Magri in kontro-ezami** esebixxa Dok NB li huwa lista dettaljata tal *VAT* tax periods relattivi bejn l-ewwel ta Jannar tat-2001 u 28 ta Frar 2006 u informazzjoni dwar meta tkun giet sottomessa l-*VAT* return, jekk tkunx dahlet tard jew le, kemm tkun dahlet tard u kif ukoll l-ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-*VAT* bhala *penalty for late filing* u interessi. Din *l-ispread sheet* giet ippreparata minnhu stess fuq informazjoni mihuda minn dokumenti ufficjali tal-*Vat* Department u informazzjoni tal-kotba tal-atturi.

A (fol 269 et seq.) **il-konvenut** spjega illi huwa kien il-*book keeper* tal-MTTA bejn l-2001 sal-2004. Jghid li precedentament kien hemm *accountant* li kien jiehu hsieb il-*book keeping* u li kien juza sistema ta' *excel files* biex jdahhal id-data. L-intimat ma kienx *accountant* u meta beda jaghti s-servizz tieghu lill-atturi, introduca s-sistema tas-*sage accounting software*. Kien hemm ukoll skrivana tahdem mal-atturi li kienet tghin lill-konvenut, idahhal l-*entries* izda peress li din l-iskrivana kienet ghadha fil-bidu, huwa holoq programm iehor bi prova sakemm il-iskrivana tghallmet.

Lejn nofs it-2005 l-intimat kien talab lill-atturi biex jieqaf mix-xoghol maghhom ghaliex kellu hafna xoghol iehor u ma setax ilahhaq u l-atturi accettaw ir-rizenja tieghu u minfloku appuntaw lil Karl Magri. Jghid li eventwalment Magri kellmu biex itih *hand-over*. Ghal xi raguni *l-files* li kien bghatlu b'*email* ma infethux u Magri kellu jaccessa s-sistema tal-konvenut waqt li hu kien imsiefer. Darba minnhom cempillu Magri f'paniku u beda jghid li skond is-sistema, l-MTTA kellha tiehu xi Lm 20,000 u thallas xi Lm 5,000, u dak il-hin l-intimat induna li Magri kien qed ihares lejn is-sistema l-hazina i.e. dik li kienet il-prova. Dak il-hin stess gibidlu l-attenzjoni li kien qed jahdem fuq is-sistema l-hazina pero r-risposta ta' Magri kienet li hu issa kien gja ilu xi hames t'ijiem full jahdem intensivament fuq din is-sistema u kien ser jibqa jahdem biha biex ma jahlix hames t'ijiem xoghol ohra u imbaghad jaghmel ir-*reconciliations* relattivi.

Jghid li hu avza lill-*board* b'din il-problema u ma sema xejn min ghandhom, sakemm xi gimghat wara Magri kien qallu li ser isir meeting tal-MTTA u biex hu jkun prezenti. Waqt dan il-*meeting* l-intimat gie rinfaccjat bid-diskrepanzi li kien sab Karl. Ftehmu li jiltaqghu l-ghada ghand tal-*VAT* ghal xi kjarifiki u meta ltaqu, l-atturi talbuh itihom il-karti kollha fil-pussess tieghu w avzawh li kienu ser jiehdu passi kontrih. Il-

*VAT department* kienu qalu li se jinvestigaw xi affarijiet ossia dak li kien qed jghid Karl u dak li beda jsostni hu, pero sa fejn jaf hu, ma saret l-ebda investigazzjoni mill-*VAT*. Sussegwentament l-MTTA bghatulu ittra fejn allegaw li mmisapproprja xi flus. L-intimat jghid li dwar il-misapproprjazzjoni dan kien veru u fil-fatt huwa rrifonda lill-MTTA l-ammont kollu fis-somma ta' Lm 7,714.93 u ghalhekk it-talba attrici giet ridotta b'dan l-ammont.

Kwindi l-kwistjoni risidwali li ghanda tigi ezaminata kollha giet hi dwar penali u imghax tal-*VAT* u kif ukoll is-spejjez legali u il-mizati tar-rapport investigattiv liema ammonti il-konvenut qed jikkontesta u dwar liema l-intimat ipprezenta affidavit (a fol 243 et seq.) **Dok AFF 1.** F'dan l-affidavit huwa jispjega l-kontestazzjoni tieghu, u cioe' li kwantu ghall-ammont ta' LM 7714.93 li gie mizapproprjat, dan gie rifuz lill-atturi u b'hekk il-kontenstazzjoni baqghet biss fuq is-somma ta' Lm2582.69 rapprezentanti penali u imghax *for late payment* tal-*Vat returns*. Jispjega li huwa m'ghandux jghati dawn l-ammonti peress li huwa pprezenta r-*returns* relattivi fil-pront u kien Karl Magri li rega pprezenta *Vat Returns* ohra ghall-istess perijodu meta huwa gja kien ipprezentahom. Jghati bhala ezempju ir-*returns* tal-1/3/04 – 30/4/04; 1/12/03 – 29/2/04 u 1/9/04 – 30/11/04, li Karl Magri rega pprezenta u li pero hu kien gja pprezenta mal-*Vat* Department - vide Dok JB 7, 8 u 9). Jghid illi konsegwenza tal-fatt li Karl Magri kien qed juza l-programm li kien intiz bhala prova u mhux il-programm veru, l-istess Magri inkorra zball fis-sens li kien qed jahdem fuq figuri zbaljati. Isemmi diversi zbalji li wettaq Karl Magri fosthom jibghat invoices b'dettalji jew ammonti hziena u jghid ukoll li fl-*accounts* tat-2004 ippreparati minnu, meta wiehed jara l-closing figures tieghu u jqabbilhom mal-opening figures indikati minn Karl hemm diskrepanzi. Huwa jghid li l-MTTA kienu inkarigaw awditur indipendenti li kien certu Arthur Douglas Turner biex jghamel audit tas-sena 2006. Dan l-awditur fir-rapport tieghu jghid illi huwa ma setax jifforma opinjoni jekk il-financial statements jaghtux stampa cara u vera u li "l-balances brought forward were not properly brought forward".

Huwa jghid ukoll li huwa kemm il-darba pprova jsolvi din il-kwistjoni b'mod amikevoli izda sab rezistenza mill-atturi. Il-konvenut rega xehed fis-seduta ta' (A fol 329 et seq.) u (A fol 359 et seq.)

A (fol 365 et seq.) **rega xehed Karl Magri** fejn kompla il-kontro-ezami tieghu rigward l-affidavit tieghu u d-dokumenti annessi u fejn spjega kif huwa wasal ghall-ammonti dovuti lil-*Vat* bhala penali u imghax u li huwa mexa fuq dokumenti ufficjali mahruga mill-*Vat* Department.

Illi fil-kaz odjern l-atturi talbu li l-intimat jigi kkundannat ihallas (a) is-somma ta' €17,970.95 (ossia Lm 7714.93) rapprezentanti ammont li l-intimat dawwar ghalih b'qerq, (b) is-somma ta' €6,016.04 (ossia Lm 2582.69) rapprezentanti *penalties for late payments* u imghaxijiet li l-atturi kellhom ihallsu lill-*Vat* Department kagun tal-fatt illi l-intimat dahhal numru ta' *Vat returns* tard, (c) somma da likwidarsi rapprezentanti spejjez li l-atturi dahlu fihom sabiex saret l-investigazzjoni li wasslet biex gie skopert l-agir tal-konvenut.

Jirrizulta li l-konvenut kien jippresta servizzi ta' *book keeping* u *accounts* lill-atturi u dan ghal perijodu bejn l-2001 u bidu 2006. Fost id-dmirijiet tieghu kien hemm li hu kellu jhejji u jipprezenta l-*Vat returns* tal-Assocjazzjoni. Jirrizulta li r-*returns* ghal perijodu bejn 1/1/2001 u sa 30/11/2002 dahlu fil-hin. Madanakollu r-*returns* ghal perijodi indikati hawn taht u cioe:

| | | |
|---|---|---|
| 1/12/2002 | – | 28/2/2003 |
| 1/3/2003 | – | 31/5/2003 |
| 1/12/2003 | – | 29/2/2004 |
| 1/3/2004 | – | 30/4/2004 |
| 1/5/2004 | – | 31/5/2004 |
| 1/6/2004 | – | 31/8/2004 |
| 1/9/2004 | – | 30/11/2004 |
| 1/12/2004 | – | 28/2/2005 |
| 1/3/2005 | – | 31/5/2005 |
| 1/6/2005 | – | 31/8/2005 |
| 1/9/2005 | – | 30/11/2005 |

kollha gew sottomessi tard bir-rizultat li l-*VAT* Department impona penali u imghax fuq l-atturi. Vide Dok **NB** u dokumenti JG 11, JG 6, JG 13, JG 4, JG 3, JG 1, JG 14,

JG 15, JG 8, JG 10, JG 5, JG 9, u JG 2 (dawn tal-ahhar dokumenti mahruga mill-*Vat* department).

Skond id-dokument NB imhejji mill-*accountant* tal-atturi Karl Magri l-ammonti dovuti bhala *penalty for late filing* ghar-*returns* sudetti jammonta ghal €3,664.96 (ossia Lm 1573.37) filwaqt li imghax jammonta ghal €2,351.08 (ossia Lm 1009.32). Dawn l-ammonti gew imqabbla mill-Perit Legali mad-dokumenti ufficjali tal-*Vat* Department Dok JG 11, JG 6, JG 13, JG 4, JG 3, JG 1, JG 14, JG 15, JG 8, JG 10, JG 5, JG 9, u JG 2 u l-figuri jaqblu perfettament.

Jirrizulta wkoll li waqt il-perijodu tax-xoghol tieghu l-konvenut approprja ghalih innifsu flus appartenenti lill-atturi fl-ammont ta' LM 7714.93. Jirrizulta li dawn il-flejjes ittiehdu mill-konvenut b'qerq jew raggiri u fuq kollox ad insaputa tal-atturi. Tant hu hekk li l-maggior parti tal-flejjes kellhom ikunu pagamenti tal-*Vat* u Taxxa li pero l-konvenut uzahom ghal affarijiet personali tieghu fosthom biex hallas loan personali li kellu mat-tfajla. Dan jirrizulta ammess mill-konvenut innifsu fl-istqarrija li rrilaxxja wara li gie nterrogat mill-Pulizija. M'hemmx dubbju li l-konvenut heba dan it-tehid ta' flus u meta talab ir-rizenja tieghu minn ma l-atturi, huwa ma semma xejn dwar l-istess tehid. Jirrizulta fil-fatt li biex l-atturi skoprew dwar dan it-tehid kellu jitqabbad l-*accountant* Karl Magri li wettaq investigazzjoni shiha tal-kotba in kwistjoni ghas-snin relattivi u rrilaxxja rapport esebit bhala Dok A. Huwa ghalhekk car li biex l-atturi skoprew din il-mizapproprjazzjoni kellhom jidhlu f'certu spejjez ta' ingagg ta' *accountant* u investigazzjoni inkluz mill-Pulizija. Jirrizulta wkoll li malli rinfaccjat bil-fatti, l-attur ma ammettiex mill-ewwel u kien biss meta intervjenew il-Pulizija li huwa ammetta li kien ha l-flus. Apparti minn hekk jirrizulta li kien biss fil-mori tal-kawza illi huwa hallas lura lill-atturi l-flus li huwa kien approprja ghalih illegalment.

Illi kwantu ghas-somma mitluba mill-atturi rapprezentanti penali u imghax imposti mill-*VAT* department ghal *late submission* tal-*VAT returns* fil-perijodu li kien jahdem maghhom l-intimat, il-Perit Legali jirrileva illi huwa principju fil-ligi, cioe' Art 1045 tal-Kap 16 illi:

> "l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha …… hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lil parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara…..".

Hi l-fehma tal-Perit Legali li l-atturi ppruvaw sal-grad rikjest mill-Ligi li l-ammonti minnhom sofferti rapprezentanti penali u imghaxijiet imposti lilhom mid-Dipartiment tal-*Vat* u li huma hallsu lill-istess Dipartiment huma rekuperabbli mill-atturi bhala danni minnhom subiti u b'hekk lilhom dovuti mill-konvenut. L-ammont ta' €6016.05 mitlub mill-atturi kif dettaljat f'Dok NB huwa dovut mill-konvenut lill-atturi bhala danni minnhom subiti konsistenti f'penali u imghax imposti mid-Dipartiment tal-*Vat* b'rizultat tal-fatt illi numru ta' *Vat returns* gew imdahhla tardivament mill-intimat meta dan kien fid-dmir li jassigura li jidhlu fil-hin. Dan l-ammont huwa perfettament konformi mad-dokumenti ufficjali mahruga mid-Dipartiment tal-*Vat* (Dok JG 11, JG 6, JG 13, JG 4, JG 3, JG 1, JG 14, JG 15, JG 8, JG 10, JG 5, JG 9, u JG 2) u jikkombacja mal-perijodu meta kien jahdem l-intimat. Apparti minn hekk ma jirrizultax li l-konvenut b'xi mod irnexxielu jipprova li l-ammonti sudetti mahruga mid-Dipartiment tal-*Vat* huma skorretti.

Ghalhekk il-Perit Legali kien tal-fehma illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' €6016.05 kif hawn fuq spjegat.

Illi jifdal x'jigi deciz it-talba ulterjuri tal-atturi u cioe' ghar-risarciment tal-ispejjez li huma nkorrew biex skoprew il-fatt illecitu mwettaq mill-intimat ossia dawk konsistenti fi spejjez tal-*accountant* u spejjez legali.

M'hemmx dubbju li dwar l-ispejjez legali din hija materja essenzjalment riser*vat*a ghal gudizzju ta' din il-Qorti. Il-Perit Legali ghamel accenn ghall-principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju[1].

---

[1] **Michael Fenech v. Joseph Cassar**, Citaz. Nru. 504/97 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu 2004.

Minn naha l-ohra fir-rigward tal-ispejjez l-ohra subiti mill-atturi sabiex huma skoprew il-fatt illecitu konsistenti essenzjalment f'investigator's fees (vide Dok JB 11 anness mal-affidavit tal-konvenut) il-Perit Legali rrileva li tali spejjez ghandhom in principju ikunu pagabbli lill-atturi in kwantu huma spejjez li l-atturi kellhom jaghmlu minhabba l-hsara u biex giet skoperta l-hsara. F'dan ir-rigward il-Perit Legali jirravviza li l-agir tal-intimat ma ghen xejn biex l-atturi jiehdu flushom lura. Anzi l-intimat ipprova jghatti t-tehid tal-flus u meta rinfaccjat hu nnega li hadhom. Meta rrizenja mix-xoghol huwa ma semma xejn lill-atturi, b'mod ghalhekk li l-atturi ma setghux jiskopru l-ammonti mehuda jekk mhux bl-investigazzjoni minnhom varata. Il-Perit Legali jikkonkluda li r-rapport investigattiv imhejji mill-*accountant* tal-atturi Karl Magri kien ghalhekk ghodda essenzjali ghall-atturi sabiex setghu jiskopru l-flus li kienu ttehdulhom mill-intimat. Madanakollu meta wiehed jara Dok JB 11, isib li **l-atturi qedin jippretendu hlas ta' €3179.61 (net of *Vat*) f'investigator's fees** li fl-opinjoni tal-Perit Legali kienu ftit esagerati. Apparti dan, ir-ricevuti fiskali tal-*accountant* Magri Dok JB 12 jinkorporaw fihom ricevuti ghal hlasijiet ta' seduti l-Qorti li certament ma jistghux jigu addossati lill-intimat. Di piu l-atturi ma ppruvawx soddisfacentement u fid-dettall f'hiex kienu jikkonsistu dawn l-ispejjez u skond il-Ligi kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw ezatt tali danni li ma jistghux jigu prezunti. Finalment wiehed ma jridx jinsa li l-atturi kienu obbligati jimminimizzaw id-danni u mhux sew illi l-atturi jinkorru spejjez umbaghad finalment jaddossawhom lill-intimat. Ghalhekk il-Perit Legali kien tal-fehma li s-somma rekwarda ghandha tigi likwidata minn din Qorti bhala somma *arbitrio boni viri*.

Illi finalment kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat ossia li l-atturi ghandhom igibu prova tar-rapprezentanza guridika ghal ftuh ta' dawn il-proceduri bil-qima jinghad illi huwa car li din l-eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mill-affidavits tal-atturi jidher car li l-istess atturi huma membri tal-Kunsill tal-MTTA u ghandhom tali rapprezentanza. Dan apparti l-fatt li bil-pagament imwettaq mill-intimat fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa car li l-konvenut issokomba ruhu ghal dawn il-proceduri almenu ghal dak li jirrigwarda l-partijiet fil-kawza.

Il-Perit Legali kkonkluda li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens spjegat filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-intimat ghandhom jigu michuda.

**Ikkonsidrat ;**

M'huwiex ikkontestat illi l-intimat kien jahdem bhala l-*accountant* tas-socjeta rikorrenti, u parti mid-doveri tieghu kien illi jipprepara *c-cheques* necessarji sabiex dawn jigu ffirmati mill-persuni kompetenti. Meta tqabbad *accountant* iehor wara illi l-intimat kien temm l-impjieg tieghu, l-*accountant* il-gdid, Karl Magri, gibed l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti illi kien hemm numru ta' diskrepanzi fil-kontijiet taghha, u ghalhekk saret investigazzjoni mill-liema irrizulta lis-socjeta rikorrenti illi kien hemm numru ta' *cheques* illi kien nhargu fuq isem l-intimat u gew msarrfin minnu u depozitati f'kontijiet intestati f'ismu.

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni, permezz ta' liema talbet il-hlas ta' €17,94.69 (ekwivalenti ghal Lm7,714.93) rapprezentanti l-ammont illi l-intimat allegatament dawwar ghalih, u ta' €6,006.25 (ekwivalenti ghal Lm2,582.69), rapprezentanti l-ammont li allegatament kellu jithallas mis-socjeta rikorrenti bhala penali u imghax minhabba n-nuqqas tal-intimat li jaghmel il-pagamenti ta' taxxa dovuti mis-socjeta rikorrenti.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-intimat hallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €17,065.53 u konsegwentement is-socjeta rikorrenti irriduciet l-ammont pretiz sabiex jigi rifless dan il-pagament, u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta mizmuma mill-Perit Legali fit-13 ta' Jannar 2009 a fol 235 – 236 tal-process.

**Ikkonsidrat ;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat eccepixxa illi Jesmond Farrugia ghandu jressaq prova tar-rapprezentanza tieghu tas-socjeta rikorrenti. Din l-eccezzjoni qisha intnesiet mill-intimat li m'ghamel l-ebda accenn ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu nonostante l-fatt illi qatt ma rtiraha. Mill-affidavits prezentati mis-socjeta rikorrenti jirrizulta illi Farrugia huwa ic-Chairperson tal-Kunsill tas-

socjeta rikorrenti u ghalhekk jidher illi huwa ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat ;**

L-intimat issottometta illi fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta rikorrenti, huwa ghandu jhallas is-somma ta' €2,513.44 ghaliex kien hemm numru ta' *VAT returns* illi gew sottomessi fil-hin minnu jew gew sottomessi tard minn Karl Magri meta l-intimat ma kienx ghadu impjegat mas-socjeta rikorrenti.

Illi pero, jekk l-intimat ghazel li jinvoka bhala difiza tieghu il-hlas korrett u fil-hin tal-*VAT* dovut mis-socjeta rikorrenti, allura kellu jkun hu li jgib prova ta' tali hlas. Mill-provi prodotti jidher illi kien hemm numru ta' *VAT returns* li gew sottomessi tardivament. **Dan jirrizulta mhux a bazi tar-rendikont ta' Karl Magri izda tad-dokumentazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

Ir-ricevuta tar-return a Fol 310 ghal perjodu ta' taxxa ta' bejn l-1 ta' Marzu 2004 sat-30 ta' April 2001 giet iffirmata mill-intimat fil-11 ta' Lulju 2004. Pero jirrizulta illi din giet sottomessa tard, kif jidher mit-timbru tad-Dipartiment li **juri li din ir-return giet sottomessa fit-18 ta' Mejju 2006**. Bl-istess mod, ir-ricevuti ezebiti a fol 311 u 312 juru illi r-*returns* ghal perjodu ta' bejn l-1 ta' Dicembru 2003 u d-29 ta' Frar 2004 u l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2004 sat-30 ta' Novembru 2004 gew sottomessi tard, u **cioe fit-18 ta' Mejju 2004**. Dawn l-istess dokumenti huma dawk ir-ricevuti originali, li ghalihom jaghmel referenza l-intimat meta jghid illi l-perit legali wasal ghal konkluzjoni zbaljata billi skarta dawn il-provi, li jinsabu ezebiti a Fol 348 – 350. Minn dawn ir-ricevuti li ezebixxa l-intimat, **l-unika wahda li turi li kien hemm return li ma kienx gie sottomess tard hija dik a Fol 347 ghal perjodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 2003 sal-31 ta' Awissu 2003.**

Ghalhekk, a kuntrarju ta' dak sottomess mill-intimat, m'hemm l-ebda dokument li jikkontradici d-dokumenti ezebiti a fol 389 et seq fir-rigward tas-sottomissjoni tardivi tal-*VAT returns*.[2] Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti wehlet penali b'konsegwenza ta' sottomissjoni tardiva tal-*VAT returns* fl-ammont ta' €3,664.97.

Mid-dokument a fol 389 imbaghad jirrizulta li l-ammont ta' imghax li kellu jithallas mis-socjeta rikorrenti kien fl-ammont ta' €2,351.08.

Ghalhekk is-somma dovuta mill-intimat lis-socjeta rikorrenti taht dan il-kap huwa fl-ammont ta' €3,664.97 + €2,351.08 = **€6,016.05**.

**Ikkonsidrat ;**

Fir-rigward tal-ammont pretiz bhala spejjez inkorsi mis-socjeta rikorrenti sabiex thallas lill-Karl Magri ghax-xoghol li ghamel in konnessjoni mal-investigazzjoni fuq il-fatti ta' din il-kawza u l-ispejjez legali, is-socjeta rikorrenti prezentat id-dokumenti ezebiti a fol 319 et seq bhala prova tal-hlasijiet li kellhom isiru minnha.

Hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi l-ispejjez legali ma jistghux jigu pretizi mis-socjeta rikorrenti bhala parti mill-ammont da liquidarsi ghaliex altrimenti is-socjeta rikorrenti tkun qed tiehu spejjez doppji meta jigi deciz il-kap tal-ispejjez.

Fir-rigward tal-ispejjez inkorsi mis-socjeta rikorrenti sabiex thallas lill-awditur tax-xoghol tieghu, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali illi jkun gust illi l-intimat jaghmel tajjeb ghall-ispejjez inkorsi mis-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward, in kwantu kien konsegwenza tal-agir tieghu illi kellha ssir din l-investigazzjoni u ghalhekk il-Qorti tillikwida *arbitrio boni viri* is-somma ta' **€1200** li ghandhom jithallsu mill-intimat f'dan ir-rigward.

---

[2] Vide wkoll id-dokumenti a Fol 181 et seq tal-process li juru numru ta' ricevuti relattivi.

Ghalhekk, is-somma dovuta mill-intimat lis-socjeta rikorrenti hija ta' **€7,216.05.**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni kollha tal-intimat, tilqa t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, tillikwida l-ammont dovut mill-intimat fis-somma ta' sebat' elef, mitejn u sittax-il ewro u hames centezmi (€7,216.05), u tordna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-istess somma ta' sebat' elef, mitejn u sittax-il ewro u hames centezmi (€7,216.05), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**